**QORTI TAL-MAGISTRATI GHAWDEX**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-5 TA' SETTEMBRU 2002**

Citaz. Numru 7/95

Giocchino sive Jack u Theresa konjugi Bugeja u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josef Bugeja u u f'isem Theresa mart Giocchino Bugeja bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Anthony George stante il-mewt ta' Giocchino sive John Bugeja fil-mori tal-kawza.

vs

L-Avukat Dottor Mark Micallef

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li taqra, li:

"il-konvenut Dottor Mark A. Micallef inkariga lill-attur Jack Bugeja sabiex jaghmel xoghol ta' thammil u qtugh ta' blat fi proprjeta bin-numru 3, Triq Gharb, Gharb, Ghawdex;

Illi ghadha dovuta lill-atturi s-somma ta' elfejn mija u disgha liri maltin u tletin centezmu (Lm2109.30);

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut naqas li jhallas dan il-bilanc;

Illi fil-fehma tal-atturi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'iqanqal u ghalhekk din il-Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smigh;
TALBU ghaliex ma ghandhiex din l-Qorti:

1. taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' elfejn mija u disgha lira Maltin u tletin centezmu (Lm2109.30) dovuti kif fuq spiegat, flimkien mal-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fis-6 ta' Awissu 1994, fit-2 ta' Settembru 1994, fil-15 ta' Settembru 1994 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Novembru 1994.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, l-lista tax-xhieda u d-dokument affidavit tal-attur Giocchino Bugeja;

Rat il-verbal tal-11 ta' April 1995 fil-waqt li l-konvenut gie ammess jintavola l-eccezzjonijiet;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fihom eccepixxa:

1. li l-ammont pretiz mill-atturi huwa esagerat u ghalhekk l-ammont dovut ghandu jkun l-ammont pretiz imnaqqas b'dak l-ammont li gie likwidat minn dina l-Qorti prevja okkorrendo n-nomina ta' periti nominandi;

2. li l-konvenut eccipjenti ghamel diversi offerti lill-konvenuti, offerti ragunati, izda l-konvenut ingustament rrifjuthom, skond ma jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghaldaqstant li l-konvenut m'ghandu jbati ebda spejjez ta' dan il-gudizzju.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat

L-attur qieghed jitlob pagament ta' elfejn mija u disa' liri Maltin u tletin centezmu (Lm2109.30) li kif spjega, kemm fid-dikjarazzjoni tieghu u kemm meta xehed quddiem il-perit tekniku, jirraprezenta bilanc ta' ammont akbar rapprezentanti

xoghol ta' thammil u qtugh ta' blat fil-fond numru 3, Triq Gharb, l-Gharb, Ghawdex. Rendikont ta' l-ammont jinsab esebit folio 44, dok.JB, iffirmat mill-Perit Arkitett S. Micallef li wkoll ikkonferma l-kontenut u l-ezatezza tieghu. Ta' min isemmi hawnhekk li l-Perit Micallef kien il-perit inkarigat mix-xoghol.

Illi da parti tieghu l-konvenut tul kemm ilha pendenti l-kawza (cirka 7 snin) qatt ma deher. Fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-eccezzjonijiet tieghu hu rrikonoxxa li l-attur kien hadimlu fuq inkarigu tieghu fuq xoghol ta' thammil u qtugh ta' blat fil-fond fuq citat. Imkien ma jsemmi u f'kwalsiasi kaz minn imkien ma jirrizulta li l-esekuzzjoni tax-xoghol ma kienx skond kif titlob l-arti u s-sengha. Oggezzjona biss ghall-fatt li skond hu l-prezz kien "ferm esagerat". Fuq dan minnu allegat naqas totalment li jgib imqarr l-icken prova biex jissostanzjha kif kien fuq kollox jinkombi fuqu li jaghmel.

Illi oltre dan hemm ir-relazzjoni tal-Perit Arkitett nominata minn dina l-Qorti diversament preseduta li tikkonferma l-ammont mitlub mill-attur.

Ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi tilqa' d-domandi attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' elfejn mija u disa' liri Maltin u tletin centezmu (Lm2109.30) bl-imghax mid-data tac-citazzjoni sal effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza huma decizi kontra l-konvenut.

(ft.) A.M.Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registrar

Vera kopja

Ghar-Registratur